# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex

## SEBA’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 64

**28 ta’ Diċembru, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta’ Ta’ Xbiex ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fid-disgħa ta’ filgħodu.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

### 64.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għax kulħadd kien preżenti.

### 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**64.2.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

### 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**64.3.1** Is-Sindku Max Zammit qal li bħal kull sena huwa jipproponi li jerġa jsir il-karnival. Huwa qal li l-kunsill ġab żewġ kwotazzjonijiet mingħand żewġ ko-ordinaturi differenti.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li għandha tintagħżel il-kwotazzjoni tas-Sur Alfred Chetcuti peress li hija iktar vantaġġjuża.

**64.3.2** Is-Sindku Max Zammit qal li hemm bankina fi Triq il-Watar li qiegħdha fi stat ħażin u mhux aċċessibli speċjalment għal persuni b'diżabilita. Huwa qal li jħoss li din il-bankina għandha tinagħta prijorita peress li l-kunsill diġa għamel investiment f'din ż-żona imma naqas milli jieħu in konsiderazzjoni din il-bankina partikolari. Huwa kompla jgħid li fost l-affarijiet ħżiena li fiha l-bankina huma ir-rampi li hemm għal aċċess fil-garaxxijiet.

Il-Kunsillier L Cachia Castelletti u il-Kunsillier E Muscat qalu li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mas-sidien tal-garaxxijiet li għandhom ir-rampi mhux kif suppost peremezz tal-avukat tal-kunsill biex ikunu infurmati li għamlu irregolaritajiet meta lestew ir-rampi.

Is-Sindku Max Zammit qal li l-kunsill ħa jkun qiegħed iġib kwotazzjoni biex titranġa din il-bankina u wara iressaqha lejn il-kunsill.

### 64.4 Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-kunsilliera.

**64.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet mil-kunsillieri.

## 64.5 *Budget* għas-sena 2018;

**64.5.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta l-*budget* għas-sena 2018. Il-*Budget* jinkludi fih ammont ta 50,000 Ewro fi proġetti kapitali. Fost il-proġetti għas-sena 2018 hemm it-twaqqif tal-*Gaurdian Angel* u l-*embellishments* fi Triq Abate Rigord u fi Triq il-Ħalġ. Is-Segretrju Eżekuttiv qal li dan l-ammont kien diskuss mal-*accountant* tal-kunsill u l-*accountant* ikkonfermat li dan huwa possibli.

**64.5.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ħa jkun qiegħed jaħdem flimkien mas-Sindku biex iħejju l-*Business Plan* għas snin 2018-2020.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma dan il-*budget.*

## 64.6 Tender tal-ġbir tal-iskart;

**64.6.1** Il-Kunsill qabel li għandna nistaqsu lid-dipartiment tal-gvern lokali biex jikkonferma bil-miktub li ħa jkun qiegħed ikompli jgħin lil Kunsill tagħna fil-finanzjament tal-ġabra iż-żejda tal-borża is-sewda kull nhar ta' Tnejn peress li din qiegħdha tiġi iffinanzjata minn dan l-istess dipartiment. Il-Kunsill qabel ukoll li fis-sejħa għal offerti għal ġbir ta' skart domestiku ikun hemm lok li din il-ġabra tiġi diskussa kull sena imma sadanittant ikonferma l-abbozz tat-tender tal-ġbir ta' skart fl-ewwel Anness.

## 64.7 Tender tal-manteniment ta' *soft areas*;

**64.7.1** Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu parir tekniku dwar l-speċifikazzjonijiet tat-tender imma sadanittant ikkonferma l-abbozz ipprezentat fit-tieni Anness.

## 64.8 *Performance Bonuses* tal-Ħaddiema;

**64.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lejn il-kunsill id-deċiżjoni dwar il-*performance Bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill; Anna Micallef, Yasmine Tonna u Aris John Fenech. Il-Kunsill innota li l-*performance* tal-ħaddiema kienet waħda posittiva u għaldaqstant il-ħaddiema ħaqqhom li jiġu ippremjati b'dan il-*bonus.*

Il-Kunsill ikkonkluda u qabel b'mod unanimu li l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jinatgħu *Full Performance Bonus*, jiġifieri 6%.

## 64.9 *Performance Bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv;

**64.9.1** **Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lejn il-kunsill** id-deċiżjoni dwar il-*performance Bonus* tiegħu.

Il-kunsill qabel b'mod unanimu li il-performance kienet tajba u għaldaqstant għandu jinagħta *Full performance Bonus*, jiġifieri 10%.

## 64.10 Akkumulazzjoni tal-*leave* tal-ħaddiema*;*

**64.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta il-bilanċ tal-*leave* li faddlilhom il-ħaddiema tal-kunsill.

Anna Micallef – 43.25 siegħat
Yasmine Tonna – 48 siegħat
Aris John Fenech – 0 siegħat

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-*leave* li fadlilhom il-ħaddiema għandu jiġġedded għas-sena 2018.

## 64.11 Rapporti mill-Kunsilliera;

**64.11.1** Il-Kunsillier L Cachia Castelletti qalet li wasal ż-żmien li nibdew naħsbu fl-attivita' ta' *Connecting through Culture* peress li ż-żmien diġa qiegħed jagħfas u hemm il-possibilita' li jkollna l-għajnuna tal-*arts council*.

## 64.12 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 31 ta' Jannar, 2018 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**64.12.1** Il-laqgħa intemmet f'nofsinhar.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 31 ta' Jannar, 2018.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |